MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 964/2001/1

**Anthony DeGiovanni bhala Sindku flimkien ma' Alex Grima bhala Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Fgura u b'nota ta' l-20 ta' April, 2004 Darren Marmara bhala Sindku tal-Kunsill Lokali Fgura assuma l-atti tal-kawza minflok Anthony DeGiovanni ga Sindku tal-Kunsill Lokali Fgura**

**vs**

**Joseph Saliba bhala Segretarju Generali ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista; u John Zammit bhala Editur tal-gazetta "In-Nazzjon Taghna"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi nomine fis-26 ta' Novembru, 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti nomine ghall-hlas lill-Kunsill attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti li ma teccediex il-

hamest elef lira Maltin (Lm5000) bhala danni ghall-malafama skond l-artikolu 28 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta) prevja d-dikjarazjoni li permezz ta’ kitba tal-partit konvenut il-Partit Nazzjonalista li saret ghall-pubblikazzjoni intitolata “STQARRIJA PN” u sottotitolata “Arroganza mis-Sindku Laburista tal-Fgura” u ppubblikata mill-konvenut John Zammit bhala editur tal-gazzetta “In-Nazzjon Taghna” fil-harga tas-6 ta’ Settembru, 2001 ta’ l-imsemmija gazzetta (fotokopja annessa u mmarkata Dok. A), partikolarment permezz ta’ l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet paragrafi ta’ l-imsemmija kitba, u permezz ta’ l-insert taghha bil-kliem: “Il-laqgha tal-Kunsill tal-Fgura bdiet qabel il-hin u s-Sindku ressaq mozzjonijiet minghajr ma kien hemm kworum” illibellaw u mmalafamaw lill-Kunsill attur billi attribwewlu fatti determinanti bi skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-Kunsill attur, u huma responsabbli ghal tali libell u malafama.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi ma hemm xejn libelluz fil-pubblikazzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali Fgura;
2. Illi f’kull kaz, il-pubblikazzjoni mhix libelluza billi tammonta ghal ‘fair comment’;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qeghdin jaghmlu din il-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Fgura, fejn allegaw li l-Kunsill gie malafamat bil-pubblikazzjoni illi saret f’gazzetta mahruga mill-konvenuti.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkunsidra l-meritu, trid tiddisponsi minn kwistjoni illi qamet fil-mori ta’ din il-kawza u cioe’ safejn Kunsill Lokali, bhala ente astratta tista tigi malafamata u moghtija danni morali, fejn normalment din hija ta’ riserva ta’ persuna fizika.

Il-partijiet ittrattaw dan il-punt bl-atturi fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghhom a fol. 244 u r-risposta tal-konvenuti.

Din il-Qorti diga kellha zewg okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt. L-ewwel kawza hija Roderick Galdes et vs Victor Camilleri et deciza fil-21 ta’ Gunju, 2004 fejn ikkonkludiet illi Kunsill Lokali m’ghandux l-istess protezzjoni bhala persuna privata, peress illi huma biss dawn ta’ l-ahhar illi huma protetti.

Fil-kawza Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa deciza minn din il-Qorti kif preseduta fit-28 ta’ Frar, 2005 il-Qorti dahlet fil-gurisprudenza kemm lokali kif ukoll estera biex issahhah l-argument taghha illi hija l-persuna fizika biss illi hija koperta bil-Ligi ta’ l-Istampa.

Fis-sentenza fuq imsemmija inghad illi, “Azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali kif kontemplata mill-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tispetta biss lill-persuna offiza u mhux lil xi socjeta’ legali jew ente astratta illi l-persuna jista’ jifforma parti minnha. Jekk il-persuna jew il-persuni li jifformaw parti minn socjeta’ jew koperattiva jhossu ruhhom ingurjati minn xi kitba jew xandira maghmula minn terzi, huma dawk il-persuni illi ghandhom id-dritt illi jitolbu r-risarciment ta’ danni u mhux l-ente astratta illi taghha jistghu jifformaw parti. Bhalma diga nghad, l-ente astratta m’ghandhiex fama u m’ghandhiex emozzjoni x’timmanifesta. Dawn huma affarijiet ta’ riseva ghall-persuna umana illi ghandha emozzjoni li thossha offiza u ngurjata minn xi haga mhux lecita maghmula minn hadiehor.”

A skanz ta’ ripetizzjoni, l-Qorti taghmel piena referenza ghall-gurisprudenza msemmija fis-sentenza citata, fejn dawn kollha jirreferu ghall-persuna fizika u qatt ghal xi ente legali.

Ghalhekk, din il-Qorti tiddeciedi illi l-azzjoni ntavolata mill-atturi kellha tkun f'isimhom personali u mhux f'isem il-Kunsill Lokali illi hija ente astratta u legali illi ma tistax timmanifesta emozzjonijiet biex tiggwadanja minn danni morali. Jekk hemm xi reputazzjoni x'jigi protett, dawn huma ta' l-individwi li jifformaw parti mill-amministrazzjoni tal-Kunsill, izda mhux l-istess Kunsill illi m'ghandux reputazzjoni x'jipprotegi.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------